**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta’ Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 431/2014 AF**

**Norman Bezzina u Maria Anna Bezzina**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Norman u Maria Anna konjuġi Bezzina li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan huwa rikors bil-procedura specjali stabbilit mill-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar ir-revoka ta’ konfiska.

L-esponenti kien gie akkuzat talli ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-bidu taghha u lejn l-ewwel kwart assocja ruhu ma' persuni ohra f’Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f’Malta u bejn il-31 ta' Marzu u t-23 ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) kellu fil-pussess tieghu medicina

perikoluza kokajina.  Illi b'sentenza definittiva moghtija fl-20 ta' Frar, 2014, is-sentenza tal-Qorti Krirninali giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk saret definittiva u beda jghaddi t-terminu preskritt mil-ligi.  Din l-azzjoni qed issir entro t-terminu stipulat, kopja tas-sentenzi annessi u mmarkati Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat il-konfiska favur il-Gvem ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli ohra tal-hati.

L-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn dak illi jiddisponi s-subartikolu 22(c) tal-Kap 101 u jaghmel dan ir-rikors halli jitlob ir-revoka tal-konfiska ghal dak illi jirrigwarda dan li gej.

1. Illi huwa manifest illi gie akkuzat matul is-sena elfejn u wiehed (2001), fil-bidu taghha u lejn 1-ewwel kwart tal-istess sena, jigifieri sa Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001).  Illi l-proprjetà mobbli u dik immobbli nxtraw ferm qabel ix-xhur u s-sena elfejn u wiehed (2001) u ghalhekk il-propjetà li kellu qabel l-elfejn u wiehed (2001) ma tinkwadrax fil-perjodu supra ndikat u lanqas kien biss akkuzat qabel dan iz-zmien.  Illi fiz-zmien ta' qabel il-perjodu ndikat supra l-esponenti qatt ma' kellu x'jaqsam ma' droga jew kellu xi rizultanzi konnessi mad-droga .  Tali interpretazzjoni estensiva tkun qed tmur kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem.  Dik il-Qorti kellha l-opportunità illi tistabilixxi  certu fatti simili fil-kaz **"Welsh versus United Kingdom"** fejn kienet sabet illi r-Renju Unit kien kiser 1-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghaliex il-Qrati tieghu applikaw il-provedimenti retrospettivament anke qabel ma dahlet il-ligi.  Qed jigi sottomess illi stante li din hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha tiehu in konsiderazzjoni il-ligijiet kollha tal-pajjiz inkluz il-Kap 319 illi huwa fost Kapijiet ohra parti mill-ligi ordinarja ta' pajjizna.

In oltre r-rikorrenti l-ohra Maria Anna Bezzina hija kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti u kontra taghha m'hemm l-ebda kundanna ta' xejn.  Lanqas biss qatt tressqet il-Qorti b'allegazzjoni simili.  Il-konfiska tas-sehem taghha fil-

komunjoni tal-akkwisti huwa ghal kollox illegali u ma jistax jinghad illi huwa legittimu, dana ghal dak lijirrigwarda n- nofs tal-komunjoni.

Fuq kollox l-esponenti sejjer jipprova il-provenjenza legittima tal-proprjetajiet hawn taht indikati:

Id-dar konjugali fi Triq Blat il-Qamar, f'Wied Hesri, s-Siggiewi, illum 152 Triq Blat il-Qamar, Siggiewi. Din il-proprjetà kienet giet akkwistata permezz ta' Att datat dsatax ta' Novembru (19) tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996), in Atti Nutar Dottor Jeanette Laferla fejn l-Awtorità tad-Djar tat b'titolu ta' enfitewsi perpetwa, dekorribbli mill-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin (1.3.1994) l-art tal-kejl ta' circa mija u erba u tmenin punt tlieta metri kwadri (184.3 m.k.) li tinsab f Wied Hesri, s-Siggiewi. Kopja tal-kuntratt u dokumenti relatati mal-applikazzjoni li saret mal-Awtorita tad-Djar annessi u mmarkati minn Dok. 'C' sa Dok. 'I'.

Huwa minnu li dan l-immobbli kien gie *finished* wara s-sena elfejn u wiehed (2001), dan wara li l-Awtorità tad-Djar kienet estendiet it-terminu lil konjugi Bezzina sabiex l-art mghoddija lilhom matul is-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996) titlesta, dan jirrizulta mill-Att datat 4 ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) in Atti Nutar Dottor Nicholas Vella (DOK. I). Kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza il-flus li ntuzaw sabiex il-proprjetà *de quo* setghat titlesta kienet giet percepita minn Norman Bezzina da parti *tal-employer* tieghu gewwa l-Kanada fejn huwa hadem ghal diversi snin (1978 – 1989), dan wara li kien sofra disabbilita permanenti u kien ibbenefika minn somma fi flus ammontanti ghal 82,938.50 Canadian Dollars.

L-utile dominju temporanju tal-flat li jinsab fil-blokk li jgib l-isem Caccu Flats fi Triq il-Hgejjeg gewwa Bugibba, San Pawl il-Bahar permezz ta' Att maghmul nhar l-1 ta' Lulju tas-sena elf disa mija u tnejn u disghin (1992) in Atti Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba. L-utile dominju li kien gie mixtri permezz ta' dana l-Att kien beda lura fis-sbatax ta' Settembru tas-elf disa mija u tmenin ghal perjodu ta' mija u

hamsin sena (150). Att insinwat nhar is-seba ta' Lulju (7) tas-sena elf disa mija u tnejn u disghin (1992), numru tal-insinwa 12236/92. Kopja tal-Kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat Dok. 'J'.

Mill-kompodju ta' l-assi li jinsab prezentat minn Dr Joseph M. Sammut nhar it-28 ta' Settembru, 2001 illi jinkorpora fih l-elenku tal-proprjetà appartanenti lil Norman u Maria Anna Bezzina fl-Atti tal-kawza Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta versus Norman Bezzina** gie ndikat illi hemm is-segwenti vetturi **Toyota Corolla TFI 051** liema vettura ghalkemm tinsab registrata fuq Norman Bezzina, effettivament din thallset minn iben l-esponenti cioè Shawn Bezzina li sahansitra kien issellef *loan* mill-bank u effettivament kull pagament thallas minnu kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-vettura **Toyota Corolla BBJ 172,** liema vettura effettivament mhiex bi proprjetà tal-esponenti stante li ma sarx il-pagament kollu taghha u ghaldaqstant ghada bi proprjetà tal-agent, **Hyundai Accent JAE 651** liema vettura kienet insterqet u eventwalment kienet giet mahruqa, **KIA CERES HAP 036** registrata f'isem Norman Bezzina u Public Cleaners Coop,. **KIA CERES HAP 037** registrata f'isem Norman Bezzina u Public Cleaners Coop u **Ligiers JS 1010 KAA** 217 registrat f'isem Norman Bezzina u f'isem il-Public Cleaners Coop, liema vetturi mhumiex bi proprjetà tal- esponenti izda kienu gew registrati fuqu dak iz-zmien li kien direttur ta' Koperattiva Privata Public Cleaners liema vetturi ma nxtrawx mill-esponenti, dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Kif gjà inghad l-esponenti qattghu snin twal jghixu l-Kanada qabel irritornaw lura Malta matul is-sena 1989. Illi l-esponenti ghexu gewwa l-Kanada sa mis-sena elf disgha mija u tmienja u sebghin (1978) u li ghat-tul ta' dawn is-snin kollha, l-esponenti Norman Bezzina dejjem hadem. Illi effettivament l-esponenti Norman Bezzina kien gie mghoti somma konsiderevoli minhabba disabbilita permanenti minnu sofferta fuq il-post tax-xoghol fejn il-Workplace Safety & Insurance Board gewwa Toronto kien ikkumpensa lil Norman Bezzina s-somma kumplessiva ta' 82,938.50 Canadian Dollars circa sittin elf Ewro (€60,000), liema somma giet mghotija lilu bejn is-snin elfejn u tnejn (2002), elfejn u tlieta (2003) u elfejn u erba

(2004), kopja tad-dokumenti annessi u mmarkati minn Dok. ‘K’.

U b'referenza ghal proprjetà supra ndikata cioè l-proprjetà li tinsab gewwa s-Siggiewi fi Triq Blat il-Qamar f’Wied Hesri din kienet giet mibnija u finished, kif ukoll kull oggett li jinsab mill-ghatba ‘l gewwa gie mixtri in segwitu ghas-somma fi flus li Norman Bezzina ppercepixxa minghand il-Workplace Safety & Insurance Board gewwa Toronto fejn huwa hadem ghat-tul ta' snin bejn l-1978 u l-1989, liema somma kienet tammonta ghal 82,938.50 Canadian Dollars, jigifieri circa sittin elf Ewro (€60,000).

Mid-dokumenti prezentati u mix-xhieda li ser jitressqu ser jigi abbundantament pruvat illi dawn il-flejjes kienu ghand il-konjugi Bezzina u l-provenjenza taghhom kienet bil-wisq qabel l-allegat zmien ta' reat jew inkella meta dahlet il-ligi in vigore. In oltre mid-dokumenti prezentati ghandu jirrizulta illi bejn is-sena elfejn u tnejn u elfejn u erba (2002 – 2004), Norman Bezzina ppercepixxa somma konsiderevoli kif gie spjegat supra u kif jirrizulta mid-dokumenti prezentati Dok. ‘K’.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-fond bl-indirizz Triq Blat il-Qamar, f’Wied Hesri, s-Siggiewi, illum 152 Triq Blat il-Qamar, Siggiewi u dak kollu li jinsab mill-ghatba ‘l gewwa konfiskat bis-sentenza fuq citata, mhuwiex profitt jew dhul mir-reat kontemplat

2. Tiddikjara li l-fond bl-indirizz Caccu Flats, fi Triq il-Hgejjeg gewwa Bugibba, San Pawl il-Bahar konfiskat bis-sentenza fuq citata, mhuwiex profitt jew dhul mir-reat kontemplat.

3. Tiddikjara illi l-vettura Toyota Corolla TFI 051 inxtrat u thallset minn Shawn Bezzina dan kif ser jigi ampjament spjegat permezz ta’ provi dokumentati u xhieda li ser titressaq, Toyota Corolla BBJ 172 effettivament mhiex bi proprjetà tal-esponenti stante li l-hlas relattiv ma sarx, Hyundai Accent JAE 651 liema vettura insterqet u

effettivament giet mahruqa kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kaz u l-Kia Ceres HAP 036, Kia Ceres HAP 037 u Ligiers JS 1010 KAA 217 ghalkemm kienu rrizultaw bhala registrati fuq l-esponenti Norman Bezzina, effettivament dawn ma kienux inxtraw mill-esponenti u lanqas huma fil-pussess tal-esponenti mhumiex profitt jew dhul mir-reat kontemplat.

4. Konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska fuq l-istess assi hawn fuq imsemmija, u

5. Taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament jigi rilevat li r-riferenza ghall-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem hi ghal kollox irrilevanti, in kwantu fi kliem ir-rikorrenti stess ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti dritt ta' azzjoni lir-rikorrenti bhala l-persuna misjuba hatja ghal dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li proprjetà konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat.

Kif già gie gustament ritenut quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija minnha fit-12 ta' Ottubru fl-ismijiet Paul Muscat et vs Kummissarju tal-Pulizija et, "*Ghalkemm ilment dwar ksur ta' dritt fundamentali jitressaq ukoll quddiem din il-Qorti, ma jfissirx li ghandu jigi kkunsidrat f'proceduri li fihom ir-rikorrenti ddikjaraw li qeghdin jaghmlu ai termini tal-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta*."

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjetà indikata fir-rikors u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent.

Fi kwalunkwe kaz ir-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti.

In vista tas-suespost it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunità li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tirrevoka l-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina deċiża fid-9 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata 20 ta' Frar 2014 fejn ir-rikorrenti kien instab ħati li:

1. *Ghall-habta tal-bidu tas-sena elfejn u wiehed, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;*

2. *Lejn l-ahhar ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal- Akkuza;*

3. *Bejn il-31 ta' Marzu u t-23 t'April, tas-sena elfejn u wiehed, kellu pussess tal-medicina perikoluza kokajina bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu*

*101 tal-Ligijiet ta' Malta, w meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.*

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali, apparti li nfliġġiet fuq ir-rikorrent piena karċerarja, ħlas ta' multa, u ħlas ta' spejjes peritali, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tar-rikorrent.

Il-proċedura tal-lum qiegħda ssir skont l-artikolu 22Ċ(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.*"

L-artikolu 22(3A)(d) li jsir referenza ghalih mill-artikolu appena ċitat jgħid hekk:

> "*Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subaritkolu (1) ta' l-artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –*
>
> *(...)*
>
> *(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-*

*persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."*

Dan l-artikolu imbagħad jirreferi għal sejbien ta' ħtija skont l-artikolu 24A(1) li jgħid hekk:

*"24A(1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Generali jkollu raguni bizzejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "il-persuna suspettata"):*

*(...)*

*(e) tkun hatja tar-reat ta' pussess ta' xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati (…)."*

Il-Qorti tibda billi tirrileva li kif sewwa jgħid l-intimat fir-risposta tiegħu, ir-riferenza li jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors promotur għall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hija għal kollox irrilevanti in kwantu li kif jistqarru r-rikorrenti stess, ir-rikors tagħhom sar skont l-artikolu 22(Ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li l-għan tiegħu hu li  l-Qorti tħassar ordni ta' konfiska.  Kif sewwa ngħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Paul Muscat vs Kummissarju tal-Pulizija et, deċiża fit-12 ta' Ottubru 2012, li għaliha jagħmel riferenza l-intimat fir-risposta tiegħu:

*"Ghalkemm ilment dwar ksur ta' dritt fundamentali jitressaq ukoll quddiem din il-qorti, ma jfissirx li ghandu jigi kkunsidrat f'proceduri li fihom ir-rikorrenti ddikjaraw li qeghdin jaghmlu ai termini tal-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Fil-mertu u dwar il-proċeduri odjerni, kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet

Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija datata 30 ta' Ġunju 2011:

> *"Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta mobbli jew immobbli mhix ghazla mhollija fid-diskrezzjni tal-Qorti fl-ghoti tal-piena izda hi ordni tassattiva imposta mill-ligi biex il-Qorti tordna l-konfiska. Infatti l-kelma uzata f'dan l-artikolu 22(3A), hi 'ghandha b'zieda ma kull piena ohra, fis-sentenza taghha' ... 'tordna l-konfiska' ...*
>
> *Ghalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Kriminali taghha sabet htija wara ezami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkuzat ma kien jaghmel ebda differenza ghall-ordni ta' konfiska. U ghalhekk il-legislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proceduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tista' tavvali ruhha mill-procedura specjali msemmija fl-artikolu 22C biex tiehu lura l-oggetti konfiskati jekk jigu ppruvati l-estremi provduti fl-istess ligi.*
>
> *(...)*
>
> *F'dik il-procedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjetà jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba il-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali ("**Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**" – PA/JRM – 6 ta' Ottubru 2005).*
>
> *Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap.*

*101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.*

*Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien."*

Għalhekk, sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti kien jeħtieġilhom iressqu provi biex juru li l-ġid li għandhom ma kinx ġej minn qligħ provenjenti mill-eghmil ta' reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih nstab ħati r-rikorrenti.

Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li l-proprjetà konfiskata li jsemmu r-rikorrenti fir-rikors tagħhom ma ġietx akkwistata minn dħul jew profitt provenjenti mir-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent.

Jirriżulta li r-reati li għalihom instab ħati r-rikorrent jirrigwardaw il-perjodu ta' bejn Marzu u April tas-sena 2001 – dan jinkludi kemm il-pakkett tad-droga li ġiet interċettata mill-pulizija u kemm il-pakkett li ma kienx ġie hekk interċettat.

Dwar il-proprjetà jirrizulta illi fil-kaz tal-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) formanti parti mill-blokka ta' appartamenti bl-isem ta' 'Caccu Flats' fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, l-utile dominju temporanju ġie akkwistat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba fl-1 ta' Lulju 1992. In kwantu li ma tressqet l-ebda prova li dak iż-żmien ir-rikorrent kien involut fit-traffikar tad-droga, isegwi għalhekk illi ma hemm l-ebda raġuni li l-Qorti għandha tiddubita li din il-proprjeta ma ġietx akkwistata minn xi qligħ jew profitt li seta' għamel ir-rikorrent mir-reati li tagħhom instab ħati.

L-istess jingħad għas-segwenti vetturi - Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE 651, Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni BBJ 172, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 036, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 037 u Ligiers JS 1010 bin-numru ta' reġistrazzjoni KAA 217. Minkejja li ma tressqet l-ebda prova li dawn ma jappartjenux u/jew ma jinstabux fil-pussess tar-rikorrenti kif jgħidu fir-rikors ġuramentat tagħhom, mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, din il-Qorti hija sodisfatta li dawn ġew irreġistrati f'isem ir-rikorrent snin qabel ma seħħew ir-reati li tagħhom instab ħati.

Dwar il-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI 051, jirriżulta li din ġiet akkwistata fis-sena 2005. Shawn Bezzina, iben ir-rikorrenti, jgħid illi din il-vettura nxtrat minnu u ġiet irreġistrata f'isem ir-rikorrent biss minħabba rati aktar favorevoli ta' assigurazzjoni. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li din il-vettura ġiet iffinanzjata in parte permezz ta' self mill-bank u in parte mill-flus personali tal-imsemmi Shawn Bezzina li fil-maġġor parti kienu l-flus li rċieva meta biegħ il-vettura preċedenti tiegħu.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali tar-rikorrenti u ċioè l-fond 152, Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi, jirriżulta mhux ikkontestat li l-utile dominju perpetwu tal-art li fuqha nbniet din id-dar ġie akkwistat mill-poter tal-Awtorità tad-Djar permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Novembru 1996 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba. Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll illi d-dar inbniet għall-

ħabta tas-sena 1998 iżda r-rikorrenti jgħidu li kienet kompluta ftit tas-snin wara. Minkejja li huwa veru li jidher li din il-proprjetà ġiet kompluta wara li seħħew ir-reati li tagħhom eventwalment instab ħati r-rikorrent, il-Qorti hija sodisfatta li fl-istess żmien, u ċioè bejn is-snin 2002 u 2004, ir-rikorrent rċieva somma flus li kienet tammonta għal madwar €60,000 bħala kumpens għal ġrieħi li kien sofra f'inċident fuq il-post tax-xogħol fil-Kanada snin qabel ma nqabad jittraffika d-droga u għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li x-xogħol fuq din il-proprjetà tlesta permezz ta' din is-somma li rċieva r-rikorrent.

B'żieda ma dan kollu tressqet prova sodisfaċjenti li r-rikorrent kien jaħdem regolarment fis-snin qabel ma seħħew ir-reati li tagħhom instab ħati filwaqt illi martu r-rikorrenti wkoll għamlet xi snin taħdem.

Il-Qorti jirriżultalha għalhekk illi l-proprjeta msemmija ma ġietx akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' profitt jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom r-rikorrent instab ħati u lanqas ma hija proprjetà akkwistata jew miksuba permezz ta' xi profitti jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom nstab ħati.

Għal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qiegħda tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-utile dominju perpetwu tal-fond 152, Triq Blat l-Aħmar, f'Wied Ħesri, Siġġiewi, l-utile dominju temporanju tal-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) formanti parti mill-blokka bl-isem ta' 'Caccu Flats', Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar u l-vetturi Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI 051, Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni BBJ 172, Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE 651, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 036, Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 037 u Ligiers JS 1010 bin-numru ta' reġistrazzjoni KAA 217 m'humiex profitt jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom ir-rikorrent instab ħati u lanqas ma huma proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bhal dawk u għaldaqstant, tħassar l-ordni ta' konfiska in kwantu din tolqot il-proprjetà mobbli u immobbli msemmija.

Spejjeż ta’ din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG